# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Numru: 314/2018 RM

## Joseph Vella

**-vs-**

## Mary Helen sive Mariella Strout

**Illum, 12 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur Joseph Vella epprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Dicembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna li tqis neccessarju u opportun, li b'ingann u/jew malizja mmalafamatu u/jew ingurjatu bi kliem, u dan *inter alia* billi akkuzatu waqt laqgha pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar ta' nhar l-24 ta' Ottubru 2018 illi huwa "heddidha" filwaqt li allegat ukoll (f' din l-istess laqgha) illi huwa "attakkaha" diversi drabi fuq Whatsapp, liema allegazzjonijiet infondati u inveritieri hi baqghet issostni rececentement anke f'korrispondenza legali kif ser jigi ppruvat;

Talab konsegwentement, illi l-konvenuta tigi kkundannata thallsu somma in linea ta' danni kontemplat fil-proviso tal-Artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta'

Malta, rapprezentanti danni in riparazzjoni tal-malafama u/jew l-ingurja illi huwa soffra b'konsegwenza tad-diskors pubbliku infondat u inveritier taghha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Novembru 2018 (Dok. A), u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata nhar l-10 ta' Jannar 2019 fejn eccepiet:-

1. *Illi preliminarjament, l-indikazzjoni ta' l-intimata fil-vesti taghha personali huwa erronei stante illi kull diskors u kull allegazzjoni vantata dejjem saret fil-konfront taghha fil-vesti ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u qatt ma kienet personalment.*

2. *Illi, preliminarjament wkoll, dan il-kaz diga` gie riferut, in linea mar-regolamenti li jirregolaw il-proceduri waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali lil Board ta' Governanza u dan kif juri bl-aktar mod car id-dokument anness u mmarkat bhala Dok A, ghal liema raguni qed jigi sollevat il-principju ta' ne bis in idem.*

3. *Illi preliminarjament wkoll din l-Onorabbli Qorti ma hijiex il-fora kompetenti razione materie stante illi dato illi hija kompetenza tal-Qorti fil-vesti ta' gudikatura kriminali*

4. *Illi fil-mertu, din ma hijiex kwistjoni ta' malafama u jew ingurja izda ta' materja li giet diskussa fil-fora proprja u cioe` waqt laqgha pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar ghal liema raguni ma jistghu qatt jissustixxu l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex dak li gie diskuss waqt diskussjoni miftuha ghall-pubbliku bil-ligi jigi kwalifikat bhala malafamanti jew ingurjuz u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat illi permezz ta' digriet moghti fl-14 ta' Mejju 2019, ordnat illi jinstemghu l-provi dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2019;

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-10 ta' Dicedmbru 2019 il-partijiet qablu illi l-kawza tista' tigi differita sabiex tinghata sentenza dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija sentenza li qed tinghata dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta fir-Risposta taghha[1], liema eccezzjonijiet huma ta' natura procedurali u jehtiegu li jigu determinati u sorvolati qabel is-smigh tal-kawza tista' tissokta fuq il-mertu.

L-azzjoni odjerna hija wahda ta' malafama istitwita a tenur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. L-attur, li huwa Kunsillier fil-Kunsill Lokali

[1] 10 ta' Jannar 2019, fol. 8.

ta' San Pawl il-Bahar, isostni illi huwa gie malafamat u ingurjat bl-akkuzi li saru mill-konvenuta, li tokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, waqt laqgha pubblika tal-istess Kunsill li saret fl-24 ta' Ottubru 2018 kif ukoll – u dan kif jirrizulta minn kopja ta' korrispondenza esebita mar-Rikors promotur - bid-dikjarazzjonijiet li saru mill-Kunsill f'xi *press release* ippubblikat fuq is-sit elettroniku tvm.com.mt.

Il-konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni kif inghad, b'diversi eccezzjonijiet. Ghalkemm il-Qorti giet rinfaccjata b'eccezzjoni ta' inkompetenza *rationae materiae*, sejra xorta wahda qabel xejn tiddetermina s-siwi o meno tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni li huma perentorji tal-azzjoni billi dawn, jekk jintlaqghu, ikollhom l-effett f'kull kaz illi jwaqqfu l-proceduri b'mod definittiv.

**L-Ewwel Eccezzjoni**

Bl-ewwel eccezzjoni taghha, il-konvenut teccepixxi illi l-azzjoni hekk kif istitwita fil-konfront taghha *de proprio*, saret hazin u ma messhiex giet imharrka personalment ghaliex id-diskors u l-allegazzjonijiet allegatament malafamanti li jifformaw l-oggett tal-azzjoni attrici, dejjem saru minnha fil-kariga taghha bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, u mhux personalment.

Il-Qorti fehmet illi b'din l-eccezzjoni il-konvenuta qieghda tissolleva n-nuqqas ta' legitimazzjoni passiva billi tghid li ma hijiex il-legittimu kontradittrici tal-azzjoni attrici ghaliex l-azzjoni kellha tigi indirizzata fil-konfront taghha fil-kapacita` taghha ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali.

Il-Qorti hawnhekk tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi** ~~et~~ et deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut illi:--

**Formatted:** Font: Times New Roman, Not Bold, No underline

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involute fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

Imbaghad, fil-kaz **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Appell, intqal illi:-

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

Applikat dan it-taghlim ghall-eccezzjoni in dizamina, il-Qorti tosserva illi bhala l-persuna fizika li effettivament qalet il-kliem allegatament malafamanti, il-konvenuta *de proprio* giet citata in gudizzju korrettement. Wara kollox, mizmum ferm il-fatt illi l-azzjoni attrici tista' tkun wahda bbazata fuq ingurja li, skont id-definizzjoni moghtija fl-Att tfisser "malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizzja bil-fomm", huwa ovvju li din l-azzjoni ghandha tigi indirizzata kontra min ikun qal il-kliem malafamanti, f'dan il-kaz il-konvenuta, u dan irrispettivament mill-kariga li kienet tokkupa meta qalithom, jew il-kuntest jew forum li fihom intqal il-kliem. Kwantu mbaghad l-azzjoni attrici

tista' wkoll titqies bhala wahda ta' libell, ibbazata fuq malafama permezz ta' pubblikazzjoni, l-Artikolu 3 tal-Kap. 597 jipprovdi specifikatament illi l-azzjoni civili ghal malafama dwar kull haga ppubblikata fil-midja tista' tittiehed *inter alia* kontra l-awtur tal-pubblikazzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt li jista' jigi ravvizat b'mod mill-iktar evidenti l-ezistenza ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenuta *de proprio*, il-Qorti ma tarax lanqas f'liema kapacita` differenti setghet effettivament tigi mharrka l-konvenuta hlief bhala l-individwu li qalet jew ippubblikat il-kliem allegatament malafamanti u ghalhekk, il-fatt li dak iz-zmien hija kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ma jbiddel u ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-azzjoni kif diretta fil-konfront taghha personali. Fuq kollox, il-fatt li hija setghet qalet id-diskors lamentat fil-kariga taghha ta' Segretarju Ezekuttiv ma jaddossaha b'ebda personalita` legali differenti anke jekk kellu jirrizulta li effettivament, hija ma kienetx tghid il-kliem allegatament malafamanti kieku ma kienetx tokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv.

Ghalhekk, billi jirrizulta illi tezisti relazzjoni guridika evidenti bejn il-partijiet u l-konvenuta *de proprio* ghandha, b'hekk, titqies bhala legittimu kontradittur, il-Qorti ma tistax tqis li hija tajba l-eccezzjoni tal-konvenuta li hija giet imharrka hazin f'isimha proprju, u tirrespingi l-ewwel eccezzjoni.

***<u>Ne Bis in Idem</u>***

Bit-tieni eccezzjoni taghha, il-konvenuta tissolleva l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*. Jinghad qabel xejn illi dan huwa principju li jsib applikazzjoni u riskontru fil-qasam ta' procedimenti kriminali, anzicche` fil-kamp civili. Dan essenzjalment jivvjeta d-dupplikazzjoni ta' proceduri kriminali (*bis*) sabiex jigi assigurat li persuna li tkun diga` ghaddiet minn procediment quddiem il-qorti dwar reat kriminali, ma terġax tghaddi minn proċeduri ghal dak ir-reat jew reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat.

Dan il-principju huwa kristalizzat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi hekk:-

"*Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u/jew tkun giet misjuba hatja jew liberata m'ghandhiex terga tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat*".

L-istess principju huwa rispekkjat ukoll fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, kif ukoll fl-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:-

"*Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Migneco** deciza fid-19 ta' Gunju 2014, gie ritenut illi l-kuncett ta' *ne bis in idem*:-

"*... huwa maghruf bhala 'the prohibition of double jeopardy'. Ghalhekk skond dan il-principju persuna ma tistax tigi akkuzata aktar minn darba ghall-istess komportament kriminali u r-ratio tieghu huwa tnejn. Fuq naha wahda dan hu hekk sabiex tigi offruta protezzjoni gudizzjarja lejn l-imputati kontra l-jus puniendi ta' l-istat una volta jigu sottomessi ghall-Prosekuzzjoni (u dana bhala principju tad-dritt taghhom ta' smiegh xieraq u ekwu) u min naha l-ohra sabiex jigi zgurat 'legal certainty...*"

Il-principju ta' *ne bis in idem* huwa l-verzjoni tad-dritt penali tal-principju tar-*res judicata*, li jikkostitwixxi eccezzjoni perentorja tal-gudizzju fil-qasam tal-procedura civili, liema eccezzjoni timmaterjalizza meta sentenza ta' awtorita` gudizzjarja li tiddetermina fatt guridiku, issir finali u definittiva b'mod li tifforma impediment assolut ghal pronunzjament gudizzjarju sussegwenti bejn l-istess partijiet fuq l-istess materja u kawzali determinati bis-sentenza. Filwaqt li huwa minnu illi z-zewg principji jixxiebhu hafna ghaliex entrambi ghandhom bhala fondament il-fatt tal-interess pubbliku u r-rispett tal-gudikat bhala

esigenza strutturali tas-sistema legali, jibqa' l-fatt illi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* hija kuncett li jappartjeni purament ghall-ligi penali u mhux applikabbli f'procedimenti fil-kamp civili[2].

Madanakollu, ghalkemm ghar-ragunijiet appena premessi, hija l-fehma tal-Qorti illi l-eccezzjoni hekk kif postulata mill-konvenuta m'hijiex tajba, tqis illi anke jekk l-eccezzjoni kellha titqies mill-perspettiva u tigi mistharrga taht il-lenti tal-principju tar-*res judicata* hekk kif applikabbli fil-kamp civili, din xorta wahda hija destinata li tfalli.

Kif huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza in materja:-

*"… sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u ċioe' dawk definiti bħala l-"eadem causa petendi, eadem personam u eadem res" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li għandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-ġudikat ta' sentenza oħra, jeħtieġ illi jirriżulta illi fil-fatt fiż-żewġ kawżi hemm l-istess partijiet, l-istess oġġett u l-istess natura tal-kawża jew kawżali. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi ma jkunx jista' jingħad li l-ħaġa hija l-istess - nisi omnia concurrunt, alia res est.*

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, minnufih jigi osservat illi l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova illi giet pronunzjata bejn l-istess partijiet kontendenti (*eadem personam*), sentenza ta' qorti, wisq anqas uriet illi kien hemm bejniethom kawza ohra dwar l-istess oggett jew fatt guridiku (l-*eadem res*), jew kawza bl-istess talbiet jew kawzali (*eadem causa pretendi*) tal-procediment odjern.

Kif inghad, l-azzjoni odjerna hija wahda ta' malafama mibdija a tenur tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) u imsejsa fuq dikjarazzjonijiet allegatament diffamatorji maghmula mill-konvenuta fil-konfront tal-attur, u ma

[2] Effettivament, ghalkemm il-principju ta' *ne bis in idem* jesigi illi jkun hemm decizjoni ta' qorti kompetenti u cioe` sentenza li tghaddi in gudikat u li kwindi saret *res judicata*, il-gudikat hija biss wahda mill-htigijiet essenzjali ghas-success tal-eccezzjoni. u mhux xi alter-ego tal-kuncett ta' ne bis in idem ghaliex dan tal-ahhar.

jirrizultax illi dawn id-dikjarazzjonijiet kienu jifformaw l-oggett ta' azzjoni ohra ta' malafama bejn l-istess partiijet liema azzjoni diga` giet deciza permezz ta' sentenza li ghaddiet in gudikat.

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et** citata f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3]:-

*"… minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni.*

Mill-atti u mill-eccezzjoni kif imfassla mill-konvenuta il-Qorti fehmet illi l-eccezzjoni in dizamina hija bbazata fuq decizjoni moghtija mill-Bord tal-Governanza Lokali fis-7 ta' Dicembru 2018[4] li trattat xi kwistjonijiet li nqalghu, fost ohrajn, bejn xi Kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, inkluz dwar "*xi posts dispreggjattivi li l-Kunsillier Vella tella' fuq facebook, messaggi li ntbaghtu f'chat privata fejn l-istess Segretarju Ezekuttiv hassitha mhedda…*"

Minn ezami tad-decizjoni fuq imsemmija, jirrizulta illi b'din id-decizjoni il-Bord tal-Governanza Lokali irrakkomanda lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex ilaqqa' lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali in kwistjoni, liema laqgha skont il-konvenuta, effettivament saret u fiha hija esprimiet il-fehmiet taghha dwar kif ghandu jimxi l-Kunsill, izda l-attur ma kienx prezenti.

Dan premess, jinghad bla tlaqliq illi l-fondament guridiku tal-eccezzjoni tal-gudikat huwa kompletament mankanti f'dan il-kaz u dan ghaliex l-azzjoni li ghandha quddiemha l-Qorti ma hijiex fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra moghtija minn qorti. Jibda biex jinghad illi d-decizjoni tal-Bord tal-

---

[3] **Sharon Rose Roche` nee` Belamy vs Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Istandards fil-Harsien Socjali et**, deciza 2 ta' Dicembru 2016, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-18 ta' April 2018.

[4] Dok. A a fol. 9.

Governanza Lokali, li tifforma l-fondament uniku tal-eccezzjoni tal-konvenuta, ma tista' bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni titqies bhala sentenza li ghaddiet in gudikat. Effettivament ma kien hemm ebda procediment gudizzjarju li ntemm b'sentenza finali tal-qorti u d-decizjoni tas-7 ta' Dicembru 2018, jekk tista' tissejjah decizjoni, inghatat mhux f'proceduri kontenzjuzi quddiem qorti ta' gurisdizzjoni civili bejn il-partijiet kontendenti, izda minn Bord kostitwit skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 363.150[5] sabiex jistharreg u jiddeciedi fuq kull kwistjoni mressqa lilu dwar xi abbuz jew decizjoni jew amministrazzjoni hazina minn ufficjali ta' xi gvern lokali[6].

Ghalkemm huwa minnu illi jidher li fost affarijiet ohra, din id-decizjoni ttrattat dak li sehh waqt il-laqgha msemmija fir-Rikors promotur li fiha saru d-dikjarazzjonijiet allegatament malafamanti fil-konfront tal-attur, liema dikjarazzjonijiet jifformaw l-oggett tal-azzjoni odjerna, huwa evidenti li l-proceduri quddiem il-Bord ma jikkostitwixxux procediment gudizzjarju u lanqas jista' l-Bord jitqies bhala awtorita` gudizzjarja. Kemm hu hekk, il-procediment quddiem il-Bord gie mniedi fuq talba tad-Direttur tal-Gvern Lokali u l-Legislazzjoni Sussidjarja 363.150 taghmilha car illi l-Bord ghandu s-setgha jaghti biss "rakkomandazzjonijiet tal-passi" u l-azzjoni li ghandhom jittiehdu fil-kaz partikolari. Dan ifisser illi d-decizjoni moghtija mill-Bord la jista' jitqies li huwa pronunzjament li ghandu sahha ta' gudikat, u lanqas illi ddeterminat il-kwistjoni dwar jekk id-dikjarazzjonijiet li saru mill-konvenuta kienux diffamatorji fil-konfront tal-attur u jikkostitwixxux malafama skont il-ligi ghall-fini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Ghall-Qorti dan kollu jfisser illi ghall-kawza tal-lum ma jezisti l-ebda gudikat li jzommha milli tinstema' u tinghata sentenza dwarha, u konsegwentement it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta hija hazina u qed tigi respinta.

---

[5] Regolamenti dwar Bord ta' Gvernanza Lokali, Avviz Legali 63 tal-2010.
[6] Regolament 5.

Stabbilit illi ma hemm ebda impediment ghas-smigh u decizjoni tal-kawza li ghandha quddiemha, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tghaddi sabiex f'dan l-istadju tistharreg is-siwi tat-tielet eccezjoni sollevata mill-konvenuta dwar in-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae tal-qorti.

**Inkompetenza *Rationae Materiae***

Fit-tielet eccezzjoni, il-konvenuta testwalment, teccepixxi illi din il-Qorti "*ma hix il-fora kompetenti rationae materiae stante illi dato illi hija kompetenza tal-Qorti fil-vesti taghha ta' gudikatura kriminali*."

Il-Qorti apparti tqis illi t-tfassil tal-eccezzjoni sar b'mod ferm infelici, ftit tista' tifhem il-bazi legali tal-istess eccezzjoni. Jidher illi l-konvenuta qieghda tikkontendi illi kliem allegatament diffamatorju li jkun intqal fil-pubbliku, u kwindi l-malafama li tifforma l-oggett tal-azzjoni odjerna, jaghti lok biss ghal azzjoni kriminali u mhux ukoll ghal azzjoni civili.

Kif inghad, l-azzjoni odjerna hija wahda ta' malafama taht il-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, u minn qari tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 huwa evidenti illi azzjoni bhal din ghandha hija ezercitabbli quddiem il-qorti ta' kompetenza civili:-

*"(2) Stqarrijiet diffamatorji joħolqu azzjoni ta' libell quddiem il-qorti kompetenti u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirrigwardaw azzjonijiet ippreżentati quddiem il- Qrati Ċivili għandhom japplikaw għal tali azzjoni.*
*(3) L-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin…*"

Jinghad ukoll illi huwa minnu illi qabel l-introduzzjoni tal-Att XI tal-2018, il-malafama kienet meqjusa wkoll bhala delitt, u kienet taghti lok ghal azzjoni ta' libell kriminali a tenur tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghar-reat ta' ingurja a tenur tal-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Madanakollu, l-

abrogazzjoni *in toto* tal-Ligi dwar l-Istampa u tal-proceduri kriminali li kienu gew istitwiti taht dik il-ligi li kienu ghadhom pendenti fiz-zmien tad-dhul fis-sehh tal-Att XI tal-2018, kif ukoll l-abrogazzjoni tar-reat li kien ipprospettat fl-imsemmi Artikolu 252 tal-Kap. 9, gabet maghha id-de-kriminalizzazzjoni assoluta tal-ingurja u l-libell, bil-konsegwenza li llum il-malafama giet ezawtorata b'mod assolut mill-kompetenza tal-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali u taghti lok eslussivament ghal azzjoni civili skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 579.

Ghaldaqstant, it-tielet eccezzjoni wkoll hija infondata u qed tigi michuda.

**<u>Decide</u>**

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu, bl-ispejjez ta' dan l-episodju jigu sopportati mill-istess konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**